

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 18.5.2010
KUMM(2010)251 finali

2008/0263 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

**il-pożizzjoni tal-Kunsill, fl-ewwel qari, dwar l-adozzjoni ta' proposta emendata għal
Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi l-qafas għall-isfruttar ta'
Sistemi tat-Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-
interkonnessjonijiet ma' mezzi oħrajn tat-trasport**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW**

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill, fl-ewwel qari, dwar l-adozzjoni ta' proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-qafas għall-isfruttar ta' Sistemi tat-Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' mezzi oħrajn tat-trasport

1. IL-KUNTEST

Id-data ta' meta l-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill
COM(2008)0887 - 2008/0263(COD) Is-
16 ta' Diċembru 2008

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: It-13 ta' Mejju 2009

Id-data tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari: It-23 ta' April 2009

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: L-10 ta' Mejju 2010

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Is-sistemi tat-trasport intelliġenti (minn hawn 'il quddiem imsejħin is-STI) qed jiġu sfruttati fil-qasam tat-trasport bit-triq b'pass ħafna iktar bil-mod milli fil-mezzi l-oħrajn tat-trasport, u s-servizzi tas-STI ħafna drabi qed jiġu sfruttati b'mod frammentat. Il-ftehimiet volontarji u l-istandardizzar ma wasslux għal progress sinifikanti f'termini tal-isfruttar u tal-użu tat-tali sistemi. Għalhekk, il-Kummissjoni ressqet pjan ta' azzjoni u proposta għal direttiva ta' qafas dwar l-isfruttar tas-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' mezzi oħrajn tat-trasport.

Filwaqt li l-pjan ta' azzjoni jidentifika sitt oqsma ta' prijorità u l-miżuri marbutin magħhom sabiex jitħaffu l-isfruttar u l-interoperabbiltà tas-STI fit-trasport bit-triq madwar l-Unjoni Ewropea kollha, id-Direttiva tippovdi l-qafas legali għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa sabiex is-STI jiġu sfruttati u jintużaw b'mod effettiv u kkoordinat. Fil-kuntest ta' dan il-qafas, il-proposta tipprevedi d-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni sabiex din tadotta, permezz ta' atti ddelegati, l-ispeċifikazzjonijiet iddettaljati meħtieġa sabiex ikunu żgurati l-kompatibbiltà, l-interoperabbiltà u l-kontinwità tal-isfruttar tas-STI u tal-użu operattiv tagħhom.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill bidlet xi ftit il-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Filwaqt li qieset l-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, hija ċċarat l-ambitu tad-Direttiva billi speċifikat l-oqsma ta' prijorità u billi ffukat, l-ewwel u qabel kollox, fuq sitt azzjonijiet ta' prijorità biex

jigü żviluppata u użata l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jigü adottati mill-Kummissjoni. Il-pożizzjoni tal-Kunsill saħqet mill-ġdid fuq l-importanza, fil-kuntest tal-isfruttar tas-STI, li titħares id-dejta personali u fuq l-importanza tal-kwistjonijiet ta' responsabbiltà, kif enfasizzaw l-Parlament Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fl-opinjoni tiegħu.

Bl-emendi ż-żgħar li saru meta mqabbla mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-qbil li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u li kien ikkonfermat permezz ta' skambju tal-ittri bejn il-president tal-Kumitat tal-COREPER I u l-president tal-Kumitat dwar it-Trasport u t-Turiżmu tal-Parlament Ewropew f'Marzu 2010.

Il-Kummissjoni tqis li dan il-ftehim jikkonforma bis-sħiħ mal-għan tal-proposta tagħha, u għalhekk, hija tista' tappoġġah.

Il-ftehim jipprevedi tliet stqarrijiet min-naħa tal-Kummissjoni u stqarrija mit-tliet istituzzjonijiet, li huma mogħtija fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni u li se jigü ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali flimkien mal-att leġiżlattiv.

ANNEX I

L-istqarrijiet tal-Kummissjoni

Stqarrija tal-Kummissjoni dwar l-isfruttament tal-azzjonijiet ta' prijorità dwar is-STI

1. L-Artikolu 6(2) tat-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jgħid dan li ġej:

“1a. Il-Kummissjoni għandha timmira li tadotta speċifikazzjonijiet għal azzjoni waħda jew iktar mill-azzjonijiet ta' prijorità sal-...¹.

Sa mhux aktar tard minn tnax-il xahar minn meta jiġu adottati l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għal azzjoni ta' prijorità, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq u wara li tkun wettqet valutazzjoni tal-impatt li tinkludi analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-isfruttament ta' din l-azzjoni ta' prijorità skont l-Artikolu 294 tat-TFUE. ”

2. Abbażi tat-tagħrif li huwa disponibbli bħalissa, il-Kummissjoni hija tal-fehma li sabiex jiġu adottati l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-azzjonijiet ta' prijorità msemmijin fl-Artikolu 3, tista' tkun prevista l-iskeda indikattiva li ġejja:

| Speċifikazzjonijiet għal: | Sa mhux aktar tard minn tmiem is-sena: |
|--|---|
| il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni multimodali dwar l-ivvjaġġar madwar l-UE kollha, kif stipulat fl-Artikolu 3(a) | 2014 |
| il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku f'ħin reali madwar l-UE kollha, kif stipulat fl-Artikolu 3(b) | 2013 |
| id-dejta u l-proċeduri, fejn possibbli, għall-forniment b'xejn ta' informazzjoni minima universali lill-utenti dwar it-traffiku b'rabta mas-sikurezza fit-toroq, kif stipulat fl-Artikolu 3(c) | 2012 |
| il-forniment armonizzat tas-servizz interoperabbli ta' telefonati tal-emerġenza msejjaħ “eCall” madwar l-UE kollha, kif stipulat fl-Artikolu 3(d) | 2012 |
| il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar postijiet sikuri u mingħajr periklu fejn wieħed jista' jipparkja t-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali, kif stipulat fl-Artikolu 3(e) | 2012 |
| il-forniment ta' servizzi li jirriżervaw postijiet sikuri u mingħajr periklu fejn wieħed jista' jipparkja t-trakkijiet u l-vetturi kummerċjali, kif stipulat fl-Artikolu 3(f) | 2013 |

It-tabella nru 1: Skeda indikattiva għall-adozzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-azzjonijiet ta' prijorità

¹ Jekk joġġbok daħħal id-data: 30 xahar wara li tidħol fis-seħħ din id-Direttiva.

Din l-iskeda indikattiva hija msejsa fuq is-suppożizzjoni li jintlaħaq ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar id-Direttiva dwar is-STI kmieni fit-tieni qari fil-bidu tal-2010.”

Stqarrija tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltà

“L-isfruttar u l-użu tal-applikazzjonijiet u tas-servizzi tas-STI jistgħu jqajmu għadd ta’ kwistjonijiet ta’ responsabbiltà li jistgħu jkunu ta’ xkiel ewlieni għall-penetrazzjoni ta’ xi servizzi tas-STI b’mod ġenerali fis-suq. Waħda mill-azzjonijiet ta’ prijorità li ressqet il-Kummissjoni fil-Pjan ta’ Azzjoni tagħha dwar is-STI hija li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati.

Billi tqis il-leġiżlazzjoni eżistenti kemm nazzjonali u kif ukoll tal-Komunità dwar ir-responsabbiltà, u b’mod partikulari d-Direttiva 1999/34/KE, il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi li jseħħu fl-Istati Membri dwar l-isfruttar u l-użu tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI. Jekk ikun meħtieġ u xieraq, il-Kummissjoni se telabora l-linji gwida dwar ir-responsabbiltà, u tiddekrivi b’mod partikulari l-obbligi tal-partijiet interessati b’rabta mal-implimentazzjoni u mal-użu tal-applikazzjonijiet u s-servizzi tas-STI.”

Stqarrija tal-Kummissjoni dwar in-notifika dwar l-atti ddelegati

“Il-Kummissjoni Ewropea tinnotta li, għajr fil-każijiet meta l-att leġiżlattiv ikun jipprevedi l-użu ta’ proċedura ta’ urġenza, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkunsidraw li fin-notifika tal-atti ddelegati għandhom jitqiesu l-perjodi tal-vaganzi tal-istituzzjonijiet (fix-xitwa, fis-sajf u waqt l-elezzjonijiet Ewropej), biex jiġi żgurat li huma jkunu jistgħu jużaw il-prerogattivi tagħhom fil-limiti taż-żmien stabbiliti fl-atti leġiżlattivi rilevanti, u hija lesta taġixxi skont dan.”

ANNEX II

Stqarrija istituzzjonali

Stqarrija tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

dwar l-Artikolu 290 tat-TFUE

“Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva għandhom ikunu bla ħsara għal kwalunkwe pożizzjoni li l-istituzzjonijiet jistgħu jieħdu fil-ġejjieni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-TFUE jew ta’ atti leġiżlattivi individwali li jkun fihom dispożizzjonijiet ta’ dan it-tip.”